*nidhru bħala poplu għalina bil-ġrajja tagħna, id-dinja tibqa' tqisna bil-qima li jistħoqqilna; imma hemm ħaġa li tagħżilna bħala ġens għalih u torbot il-ġrajja ta' ġżiritna mal-ġens tagħna u din il-ħaġa hija l-ilsien Malti. L-ilsien Malti qisu l-qafas li fuqu mibnija l-istorja tagħna u li ġewwa fih jiġbor il-ħajja u s-sentimenti nazzjonali tagħna. Għalhekk biex inwettqu n-nazzjonalità tagħna u nsaħħuha u nkattruha u nxettluha rridu nikkoltivaw l-ilsien tagħna, dan kollu jseħħ b'mezz tal-''Premju Ġużè Muscat Azzopardi'' li jżomm bla qatt jintefa n-nar ta' ħeġġa għall-ilsien Malti.*

*Bħalma l-''Premju Noble'' huwa kawża ta' inkuraġġiment kbir għall-arti u għax-xjenza tad-dinja kollha u huwa l-ogħla ambizzjoni ta' l-aqwa għorrief internazzjonali, hekk il-''Premju Muscat Azzopardi'' għad ikun il-mezz li jqanqal interess u ħidma ħarkiena dwar l-ilsien Malti u minn dan il-premju nistennew ukoll żvilupp ġdid fil-ħajja kulturali u nazzjonali tal-pajjiż. Il-''Premju Muscat Azzopardi'' għad ikun l-inkoronazzjoni ta' patrijotti qalbenin, ta' għorrief imsemmijin, ta' kittieba mill-aqwa Maltin u barranin, li bix-xogħlijiet tagħhom jisfgħu ta' ġid għall-ilsien Malti.*

*Dari kull min kien jinteressa ruħu fil-Malti u jħabrek għalbiex iġib il quddiem l-ilsien nazzjonali tagħna ma kienx jaqla' ħlief tmaqdir u żebliħ. Il-lum min jindaħal għall-Malti għadu jaqla' fuq wiċċu wkoll, għax l-egħdewwa tal-Malti, fil-moħbi u fil-beraħ, għadhom ifixklu kemm jifilħu, iżda issa mat-tmaqdir u ż-żebliħ, id-difensuri tal-Malti jistgħu jiksbu premju sabiħ, premju li jagħmel ġieħ lilhom u jibqa' bħala tifkira għażiża għal uliedhom u wlied uliedhom.*

*Kull min iħabrek bil-qalb u bil-ħrara għall-Malti jkun jista' jaqla' dan il-ġieh, għax il-''Premju'' jingħata darba fis-sena u ħadd ma jista' jieħdu aktar minn darba waħda biss, biex ikunu jistgħu jeħduh għadd kbir ta' nies.*

*Il-premju miftuħ għall-Maltin u għall-barranin biex b'hekk iqajjem interess għall-Malti fost il-barranin ukoll. Aħna nafu li hemm ħafna għorrief barranin li jinteressaw ruħhom fil-Malti, xi wħud minnhom kitbu xogħlijiet sbieħ u ta' fejda fuq l-Etimoloġija tal-Malti, oħrajn ħarġu grammatki ta' siwi kbir fuq l-ilsien tagħna. Bis-saħħa ta' dan il-''Premju'' nittamaw li l-barranin li jħobbu u jaħdmu għall-Malti jiżdiedu u b'hekk l-ilsien tagħna jieħu xejra ġmielha fl-istudji internazzjonali.*



*Mela l-''Premju Muscat Azzopardi'' huwa rahan ta' tixtil ġdid fil-kultura nazzjonali, minnu nistennew ġid bla tarf għall-qawmien tal-Malti u għad jibqa' bħala għajn ta' saħħa u ta' sedqa għal kull tqanqila b'risq l-ilsien tagħna.* Quod bonum, felix, faustumque sit.

---

## NEMEL....

*Ta'* ERIN SERRACINO-INGLOTT

Serbut sewdieni jserrep kollu ħajja,
tiela' mal-ħajt: min bieżel
jitbewwes ma' min nieżel,

u min tagħbija jqandel jew jitlajja;
farrada u qtajja'...

Ħsieb wieħed għalenija: tiġbru l-muna,
bħal aħwa lkoll iġġorru,
fis-skiet id-dwejra tmorru...

U sa ma tarġa' tfiġġ il-qiegħa sħuna
tibqgħu midfuna!

Fil-għaqda l-hena tagħkom. Serħ u ħidma
bejnietkom taqsmu ġwejda.
Miġbura fuq il-mejda

ma tiġġildux min jieħu l-akbar gidma...
Għajxieu bla nidma!

U kollox ta' kulħadd u xejn ta' wieħed!
Il-għira, l-ġlied, il-ħsara,
tal-bniedem il-għamara...

O kieku d-dinja, li taf biss tissieħet,
minnkom tittieħed!

28. 1. 46.